# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Christopher Abela**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Christopher Abela** ID186269M li permezz tagħha huwa ġie akkużat talli :

(a) "nhar 20.10.2013 ghal habta ta 02:00hrs gewwa Taboo Bar, Triq Bormla, Paola bhala persuna li ghandek liċenza that dawn ir-Regolamenti ma ippermetjt persuni ohra, li ma kienux impjegati fil-hanut fil-hinijiet li dawn kellu jinzamm maghluq; u hallejt li jinghata xorb, bil-hlas jew b'xejn, matul dawk il-hinijiet u dan bi ksur tal-Art 14 tal-Kap 10

(b) Kif ukoll talli fit-20.10.2013 ghal habta tas-02:30 zammejt l-istess stibbilement miftuh wara 01:00hrs u dan bi ksur ta LS441.07 it-Tieled Skeda, Taqsima II 03".

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-dokumenti u semgħet il-provi prodotti.

***Ikkunsidrat : -***

Illi f'dan il-każ il-Qorti għandha nuqqas ta' provi sufficjenti li in bażi tagħhom tista' tasal biex tikkonkludi li l-Prosekuzzjoni ippruvat il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

## *Deċide*

Li għar-raġunijiet premessi qegħda ssib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tilliberah minn kull ħtija u piena dwarhom.

***Mogħtija fl-4 t'Ottubru 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***